MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-22 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 397/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Clive Martin Bartolo**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Clive Martin Bartolo, bin Anthony u Grace nee` Attard (ID378383M) talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Settembru 2004 u matul ix-xahar u nofs precedenti (**1**) ikkonsenja medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) lil persuna ohra bi ksur tal-ligi, (**2**) kellu fil-pussess tieghu tali medicina bi ksur tal-ligi, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, (**3**) matul l-ahhar tlett xhur qabel l-imsemmija data kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan dejjem bi ksur tal-ligi, u (**4**) talli kkommetta dawn ir-reati f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew

centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Novembru 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Clive Martin Bartolo hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti, ikkundannatu seba' (7) snin prigunerija (li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv) u multa ta' elfejn u hames mitt lira (Lm2,500) (illum Ewro 5,823.43), liema multa tista' tithallas b'rati ta' mitt lira fix-xahar, b'dan li jekk xi pagament ma jithallasx il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa, b'dan ukoll li jekk il-multa jew parti minnha ma tithallasx din tinbidel f'sitt xhur prigunerija jew f'jum prigunerija ghal kull Lm5 mhux imhallsa skond liema alternattiva tkun l-aktar favorevoli ghall-hati; dik il-qorti kkundannat ukoll lil Bartolo ihallas Lm131.57 (Ewro 306.47) fi zmien xahar, spejjez peritali inkorsi; il-qorti fl-ahhar nett ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezibita taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* dwar id-distruzzjoni fi zmien gimgha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Martin Clive Bartolo, minnu pprezentat fis-16 ta' Novembru 2007, li permezz tieghu huwa talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza riferibbilment ghall-piena erogata kif ukoll riferibbilment ghas-sejbien ta' htija skond ir-raba' imputazzjoni (li proprjament hija biss aggravanti);

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Frar 2008; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu erba' aggravji, li jistghu jigu sintetizzati hekk: l-ewwel u t-tieni aggravji huma fis-sens li l-ewwel qorti kkomputat il-piena, ghal dak li hu tlugh u nzul ta' gradi, b'mod zbaljat, ghax il-piena massima li setghet tinghata kienet ta' hames snin; it-tielet aggravju hu maghmul jikkonsisti li l-piena kienet fi kwalunkwe kaz eccessiva tenut kont kemm l-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 kif ukoll ic-cirkostanzi mitiganti indikati mill-istess Qorti tal-Magistrati; u r-raba' aggravju hu fis-sens li hu ma kellux jinstab hati tal-aggravanti tad-distanza (ir-

raba’ imputazzjoni) peress li fil-kaz in dizamina kullma kien hemm kien il-fatt li d-dar tieghu kienet tinsab vicin klabb tal-bocci – skond l-appellant biex tapplika din l-aggravanti, biz-zieda konsegwenzjali fil-piena, hu mehtieg li jkun hemm “il-possibilita` u l-potenzjalita` reali li t-traffikar jew l-attivita` illegali, issir fil-perimetru ta’ mitt metru minn tali bini.”

Kwantu ghar-raba’ aggravju, ghandu jinghad li fl-udjenza tal-24 ta’ Ottubru 2007 quddiem l-ewwel qorti, l-appellant, allura imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, irregistra ammissjoni inkondizzjonata – ara fol. 166a tal-atti. Huwa ghalhekk alkwantu irregolari li issa, fi stadju ta’ appell, l-appellant jipprova jqanqal aggravju dwar l-applikabilita` o meno ta’ din l-aggravanti. Ghalhekk dana r-raba’ aggravju qed jigi michud, salv li l-kwistjoni tad-distanza ser tigi kkunsidrata fil-kuntest tal-piena.

Kwantu ghall-piena, l-appellant ghandu, in parti, ragun. Bejn l-ewwel u t-teni imputazzjoni hemm l-assorbiment tal-mezz ghall-fini skond l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali. Il-piena ghar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni hija ta’ minimu ta 6 xhur prigunerija u massimu ta’ 10 snin. B’zieda ta’ grad minhabba l-aggravanti tad-distanza, il-piena ssir minn minimu ta’ 7 xhur sa massimu ta’ 12-il sena. Bit-tnaqqis ta’ zewg gradi, kif kjarament kienet qed tivvizwalizza l-ewwel qorti minhabba l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 (applikabbli ghall-Kap. 31 bl-Artikolu 120(2B) tal-Kap. 31) – ara pagna 4 tas-sentenza – il-parametri tal-piena jsiru minn minimu ta’ xahrejn sa massimu ta’ 6 snin – dan dejjem ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewg imputazzjonijiet, bl-assorbiment kif diga` nghad. Ma’ dan trid tizdied il-piena ghat-tielet imputazzjoni bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9, liema piena, pero`, hija dik skond l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101, u allura ma tapplikax l-aggravanti tad-distanza – ghal din it-tielet imputazzjoni, il-piena hija ta’ prigunerija minn minimu ta’ 3 xhur sa massimu ta’ 12-il xahar. Dan kollu, s’intendi, apparti l-pieni pekunjarji applikabbli. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena ta’ prigunerija ghandha tkun mhux dik ta’ seba’ snin kif erogata mill-ewwel qorti izda ta’ hames snin

u sitt xhur. Ser ikun hemm, naturalment, aggustament ukoll fil-piena pekunjarja.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f’dik il-parti fejn l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta’ seba’ snin prigunerija u multa ta’ Ewro 5,823.43, u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ hames (5) snin u sitt (6) xhur prigunerija u multa ta’ Ewro 2,329.37; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tigbed l-attenzjoni tar-Registratur li minkejja dak li hemm fis-sentenza appellata dwar id-distruzzjoni tad-droga, fl-udjenza tat-12 ta’ Novembru 2007, minnufih wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti Inferjuri, il-prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tad-distruzzjoni tad-droga u l-ewwel qorti laqghet din it-talba (ara fol. 167 ta’ l-atti). Ghalhekk din il-Qorti qed tipprefiggi terminu ta’ xahar mil-lum li fih l-Avukat Generali ghandu jindika jekk verament l-imsemmija droga hix mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri ohra jew ghal xi skopijiet legittimi ohra, u kif appena jiskadi dan it-terminu ta’ xahar u jekk ma jkunx hemm din l-indikazzjoni min-naha ta’ l-Avukat Generali, ir-registratur ghandu jipprocedi bid-distruzzjoni tad-droga kif jinghad fis-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------